

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-525 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIS-26 U S-27 TA' APRIL 2017

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika"

[COM(2017) 68 final — 2017/0024 (NLE)]

(2017/C 246/03)

Relatur ġenerali: **Mihai MANOLIU**

Konsultazzjoni	Il-Kunsill, 21.3.2017
Bażi legali	L-Artikoli 187 u 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Deċiżjoni tal-Bureau	28.3.2017
Adottata fis-sessjoni plenarja	27.4.2017
Sessjoni plenarja Nru	525
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	160/0/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jaqbel mal-proposta għal emenda tar-Regolament inkwistjoni bil-għan li ttejjeb id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill u tissemplifikahom aktar favur l-oġettivi tal-impriża komuni dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika. Il-proposta hija konsistenti mal-oġettivi oriġinali u d-dispożizzjonijiet tal-politiki eżistenti.

1.2. Il-KESE huwa tal-fehma li l-impriża konġunta dwar l-industrija b'bażi bijoloġika tfittex li toħloq sinerġiji ma' programmi relatati oħrajn tal-Unjoni, pereżempju, mal-politika ta' koeżjoni, l-edukazzjoni, l-ambjent, l-SMEs, il-kompetittività, kif ukoll il-politika tal-iżvilupp rurali, billi jissaħħu fil-livell reġjonali u nazzjonali l-kapaċitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, fil-kuntest attwali ta' politika u strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti.

1.3. Il-Kummissjoni Ewropea qed tagħmel skambji operazzjonali kostanti mal-konsorzju ta' Industrija b'bażi bijoloġika, li jieħdu l-forma ta' konsultazzjonijiet u diskussjonijiet dwar il-metodu tal-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-membri tal-Impriża Konġunta tal-Industrija b'Bażi Bijoloġika. Din il-proposta għal emenda m'għandha ebda impatt addizzjonali għajr dak mistenni li jinkiseb mir-Regolament tal-Kunsill oriġinali nnifsu. L-emendi previsti huma ta' natura teknika, b'tali mod li l-ebda valutazzjoni tal-impatt ma hija meħtieġa għall-inizjattiva għall-istudju.

1.4. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-proposta attwali tnaqqas il-piż amministrattiv tal-konsorzju tal-industrija b'bażi bijoloġika rigward ir-rwol tiegħu bħala intermedjarju bejn **il-membri tal-konsorzju, li huma obbligati jagħtu kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-parteċipanti tal-proġetti**. Il-konsorzju tal-Industrija b'Bażi Bijoloġika jibqa' fl-aħħar mill-aħħar responsabbli mill-forniment ta' ċifri aggregati dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-membri tiegħu.

1.5. Il-KESE jilqa' l-kjarifiki importanti magħmula fir-Regolament il-ġdid:

- il-kontribuzzjonijiet finanzjarji ser ikunu jistgħu jingħataw b'żewġ modi differenti, billi jiġu ttrasferiti mill-konsorzju għall-impriża konġunta tal-industriji b'bażi bijoloġika (bħal qabel) u/jew direttament minn membru tal-konsorzju tal-industriji b'bażi bijoloġika għal benefiċjarju tal-proġett;
- il-kategorija tal-partijiet li jistgħu jagħtu kontribuzzjoni finanzjarja (entitajiet kostitwenti tal-konsorzju ta' industriji b'bażi bijoloġika) ser tiġi estiża;
- l-impenn lejn l-għan finanzjarju globali ser jinżamm;
- il-membri tal-konsorzju ta' industriji b'bażi bijoloġika se jkunu awtorizzati jiddikjaraw il-kontribuzzjonijiet finanzjarji forniti minnhom fil-livell tal-proġett.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Il-KESE huwa tal-fehma li l-kunċett ta' industrija b'bażi bijoloġika huwa parti mill-qasam usa' tal-bijoeconomija, definita bħala l-produzzjoni u l-estrazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi rinnovabbli u l-konverżjoni tagħhom fi prodotti mmanifatturati abbażi ta' elementi bijoloġiċi, bħal ikel, għalf jew anke l-bijoenerġija. Tliet kwarti tar-raba' fl-UE huwa użat għal dan l-għan u dan is-settur, li l-fatturat tiegħu jammonta għal EUR 2 000 biljun, jimpjega bejn 17 u 19-il miljun Ewropew. L-impriżi fis-settur tal-għarfien fi ħdan il-bijoeconomija għandhom fatturat ta' EUR 57 biljun u jimpjegaw madwar 305 000 ruħ (2009).

2.2. Fl-Ewropa, il-bijoeconomija tista' trawwem l-iżvilupp, il-ħolqien ta' valur miżjud kif ukoll impjegi ġodda siguri u deċenti, tnaqqas sostanzjalment id-dipendenza fuq l-importazzjoni, tikkontribwixxi bl-aħjar mod għal użu razzjonali tar-riżorsi bijoloġiċi limitati iżda rinnovabbli, u tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-iżvilupp tal-kummerċ dinji.

2.3. Sikwit ikun hemm kompetizzjoni flivelli differenti, bejn id-diversi teknoloġiji u l-użi differenti tar-riżorsi bijoloġiċi. Din il-problema hija aggravata aktar minħabba d-disponibilità limitata ta' dawn ir-riżorsi. Għalkemm il-bijoeconomija tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-oġettiv ta' tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra ġġenerati mill-emissjonijiet ta' CO₂, li se jkollu effett pożittiv fuq is-saħħa pubblika, madankollu għad hemm ukoll effett mhux mixtieq, li jwassal għal emissjonijiet addizzjonali ta' gassijiet b'effett ta' serra li l-impatt tagħhom fuq l-ambjent ma jistax jiġi injorat.

2.4. Il-qafas tal-politika Ewropea tal-bijoeconomija huwa maqsum bejn diversi politiki settorjali: agrikoltura, sajd, foresti, klima, ekonomija ċirkulari u riċerka, li huma oqsma ta' attivitajiet koperti minn atti leġislattivi u politiki settorjali differenti ⁽¹⁾.

2.5. Madankollu, strateġija komprensiva dwar l-industriji b'bażi bijoloġika tnediet fl-2012 sabiex tkun żgurata l-koerenza politika, iżda jidher li għad hemm ċerti inkonsistenzi. L-UE tiżgura l-finanzjament tal-attivitajiet ta' innovazzjoni fil-qasam tal-bijoeconomija permezz tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni "Orizzont 2020" u permezz ta' firxa ta' strumenti oħrajn ta' finanzjament. Il-KESE jqis li hemm bżonn li tiġi żgurata s-sostenibilità u politika koerenti f'dan il-qasam.

2.6. Diversi komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni jenfasizzaw l-importanza li tiġi kkunsidrata **sħubija pubblika-privata għall-industriji b'bażi bijoloġika** bħala inizjattiva teknoloġika ⁽²⁾.

2.7. Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta għall-emenda hija meħuda mill-Artikoli 187 u 188 tat-TFUE. Peress li l-Istati Membri ma setgħux jaġixxu waħedhom, hija l-UE li hija kapaċi tiddel il-qafas legali tal-impriża konġunta. Il-proposta inkwistjoni għandha bħala oġettiv li taġġusta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill, b'mod li l-membri tal-konsorzju ta' industriji b'bażi bijoloġika jkollhom b'mod konkret il-possibbiltà li jissodisfaw l-obbligu tagħhom ta' kontribuzzjoni finanzjarja. Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Din l-emenda kienet meħtieġa wkoll minħabba l-fatt li ma kien hemm ebda possibbiltà biex tintierpreta r-Regolament tal-Kunsill b'mod li jippermetti l-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja **fil-livell tal-proġetti**.

⁽¹⁾ Il-PAK (Politika Agrikola Komuni), l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti, il-PAK (Politika Komuni tas-Sajd), l-Istrateġija Ewropa 2020, il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew favur l-ekonomija ċirkolari, 50 netwerk taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tliet inizjattivi ta' programmazzjoni konġunta.

⁽²⁾ COM(2012) 60 final: Ninnovaw għal Tkabbir Sostenibbli: Bijoeconomija għall-Ewropa; COM(2014) 14 final: Għal Rinaxximent Industrijali Ewropew; COM(2013) 494 final: Sħubijiet pubbliċi-privati fil-programm Orizzont 2020: għodda b'saħħitha sabiex twettaq l-innovazzjoni u t-tkabbir fl-Ewropa; COM(2012) 79 final: Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u Sostenibilità fil-qasam Agrikolu".

3. Kummenti speċifiċi

3.1. Fuq il-bażi tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea adottat fl-2012 strateġija dwar il-bijoekonomija, bl-għan li tkun żgurata koerenza ta' politika bejn l-oqsma differenti ta' azzjoni rilevanti u l-miri rispettivi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE. Dan l-approċċ kien meħtieġ biex jiżdied il-finanzjament pubbliku u l-investimenti privati relatati mal-bijoekonomija. Il-mudelli ta' governanza parteċipattiva ġew żviluppati. Din l-istrateġija stabbiliet il-pedamenti ta' pjan ta' azzjoni li jinkludi 12-il miżura mibnija madwar dawn it-tliet temi ewlenin:

- l-investimenti fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet;
- l-interazzjoni rinfurzata tal-politika u l-involviment tal-partijiet interessati;
- il-kundizzjonijiet favorevoli għas-suq u l-kompetittività fil-kuntest tal-bijoekonomija.

3.2. Il-miżuri li ttehdju kellhom l-għan li jgħolqu assoċjazzjoni tal-partijiet interessati fil-qasam tal-bijoekonomija, kif ukoll osservatorju tal-attivitajiet tal-bijoekonomija, u li jstimolaw l-emerġenza ta' swieq ġodda permezz tad-definizzjoni ta' standards, speċjalment fir-rigward tas-sostenibbiltà u l-vijabbiltà, u jipprovdu bażi ta' għarfien neċessarja għall-intensifikazzjoni fit-tul tal-produzzjoni primarja. Kien ipplanat li din l-istrateġija tiġi riveduta u aġġornata fl-2017.

3.3. Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi emenda teknika tad-dokument fis-seħħ, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014, li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika.

3.3.1. L-Impriża Konġunta tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika hija organizzazzjoni li għandha l-għan li timplimenta sħubija pubblika-privata li l-membri tagħha huma l-Unjoni Ewropea, rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, u l-Konsorzju tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika. L-għan ta' din l-impriża konġunta huwa li timplimenta l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta għall-Industrija b'Bażi Bijoloġika minn issa sal-31 ta' Diċembru 2024.

3.3.2. Minħabba d-diffikultajiet tal-konsorzju biex jagħti sehem finanzjarju skont il-mod previst mir-Regolament tal-Kunsill, huwa propost li tiddaħħal biswit il-metodu eżistenti ta' ħlas fil-livell tal-programm, il-possibbiltà li jagħmel kontribuzzjoni finanzjarja fil-livell tal-proġetti. Din is-soluzzjoni tindirizza din is-sitwazzjoni b'mod effettiv u taħdem favur il-kisba tal-oġġettivi oriġinali tar-Regolament tal-Kunsill billi tippermetti lill-membri tal-konsorzju tal-industriji b'bażi bijoloġika jikkonformaw mal-impenn oriġinali tagħhom. Is-soluzzjoni proposta hija simili għal dik prevista għall-Impriża Konġunta IMI 2 (Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2), li ttiprovdi li l-membri minbarra l-Unjoni jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji kemm fil-livell tal-programm, il-metodu użat attwalment mill-fondi fiduċjarji u l-organizzazzjonijiet tal-karità, kif ukoll fil-livell tal-proġett, fejn din il-proċedura hija użata minn entitajiet kummerċjali. Din l-emenda mhijiex parti mill-programm REFIT.

3.4. L-impriża konġunta tal-industriji b'bażi bijoloġika għandha bħala għan l-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata magħmula, minn naħa, mill-Unjoni Ewropea, rappreżentata mill-Kummissjoni, u, min-naħa l-oħra, minn konsorzju ta' industriji b'bażi bijoloġika stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014. Is-sħubija timmira li timplimenta l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta għall-industriji b'bażi bijoloġika, skont l-istatuti tal-impriża konġunta dwar l-industriji b'bażi bijoloġika, minn issa sal-31 ta' Diċembru 2024.

3.5. L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill jistipula konkretament il-kontribuzzjonijiet ta' kull parti lill-impriża konġunta, li spejjeż amministrattivi u operattivi, li huma kondiviżi u li magħhom jiżdied ammont mhux speċifikat li jirrappreżenta l-kontribuzzjonijiet mhux finanzjarji għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet indiretti (CNCP) u l-kontribuzzjonijiet mhux finanzjarji għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet addizzjonali (CNAC). Jirriżulta mill-interpretazzjoni tar-regolamenti li l-kontribuzzjoni tal-Konsorzju ta' Industriji b'Bażi Bijoloġika għandha tiddaħħal fil-baġit tal-Impriża Konġunta tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika **fil-livell tal-programm**. L-entitajiet kostitwenti tal-membri minbarra l-Unjoni, li huma dawk li jgħolqu sehem fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet indiretti ta' finanzjament, għandhom jipprovdu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom b'mod dirett għall-azzjonijiet indiretti **fil-livell tal-proġetti**.

3.6. Bosta membri tal-konsorzju jiffaċċjaw diffikultajiet fir-rigward tal-metodu ta' ħlas. Huma jaħsbu li kontribuzzjonijiet finanzjarji fil-livell tal-programm mhumiex vijabbli kummerċjalment, għaliex dan il-mod ma joffri l-ebda benefiċċju ggarantit lura, notevolment f'dak li jikkonċerna r-riżultati tal-proġetti u d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali relatati, u minħabba li kontributi fil-livell tal-programm jistgħu jwasslu biex membru wieħed tal-konsorzju jagħti dik il-kontribuzzjoni lill-kompetituri tiegħu stess. Qed jiġi propost metodu alternattiv, **il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja fil-livell tal-proġett**, fejn ir-riżultati tal-proġett jistgħu jkunu ta' benefiċċju esklużivament għall-parteċipanti li jikkontribwixxu finanzjarjament. Din il-proċedura hi mingħajr preġudizzju għall-interessi tal-Unjoni. Huwa mixtieq li jiġu salvagwardjati l-interessi tal-katini ta' valur bjoekonomiċi, inkluż fil-każ tal-SMEs, iċ-ċentri tar-riċerka u t-teknoloġija u l-universitajiet.

3.7. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-membri minbarra l-Unjoni għandha tkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

- il-kontribuzzjoni finanzjarja fil-livell tal-programm hija unika għall-impriża konġunta ta' industriji b'bażi bijoloġika;
- il-mudell attwali tal-impriża huwa adegwat għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-fondi fiduċjarji u l-għaqdiet tal-karità;
- huwa neċessarju li jiġi adattat il-qafas legali tal-Impriża Konġunta tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika sabiex tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni mal-impriżi.

3.8. Skont din il-proposta, il-membri tal-konsorzju ta' industriji b'bażi bijoloġika jistgħu jkomplu jħallsu l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom **fil-livell tal-programm**. Minbarra dan il-mod, se jkun hemm ukoll l-opportunità biex tiġi trasferita direttament il-kontribuzzjoni finanzjarja lil parteċipant ieħor fil-**proġett**, b'konformità mar-regoli miftiehma b'mod komuni ("il-ftehim tal-konsorzju"), mal-qafas legali applikabbli [(trasferiment tal-membri tal-konsorzju ta' industriji b'bażi bijoloġika lill-konsorzju) u (trasferimenti finanzjarji tal-membri tal-konsorzju ta' industriji b'bażi bijoloġika lill-benefiċjarji tal-proġett)], il-liġijiet nazzjonali u l-prattiki tal-kontabbiltà tas-soltu tagħhom. Il-konsorzju tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika ser jirrapporta, f'forma aggregata, dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji riċevuti.

3.9. Il-mudell ta' ftehim ta' għotja tal-Impriża Konġunta tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika ser jiġi emendat kif meħtieġ. Għandu jiġi nmutat li l-proposta għal emenda la kellha impatt rilevanti għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, u lanqas fir-rigward ta' implikazzjonijiet baġitarji. Huwa stmat li tnaqqis fiskali għandu jaffettwa l-ambjent universitarju u l-SMEs ikkonċernati, peress li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni hija prinċipalment maħsuba għall-attivajiet ta' riċerka u innovazzjoni.

3.10. L-emenda hija vinkolanti fl-intier tagħha u tapplika direttament fl-Istati Membri kollha. Ma hemm bżonn ta' ebda dokument ta' spjegazzjoni.

Brussell, is-27 ta' April 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS
